EŻAMI ANNWALI TA' L-ISKEJJEL SEKONDARJI 2000

Taqsima ta' l-Assessjar Edukattiv - Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni

It-Tieni Sena | MALTI | ĦIN: Sagħtejn

Isem: ______________________________ Klassi: __________

Istruzzjonijiet lill-kandidati:

1. Wieġeb il-mistoqsijiet kollha kif mitlub:

2. Ortografija, punteġġjatura, sintassi, ideat u preżentazzjoni tajbin jgħinuk biex tikseb riżultati aħjar.

---

GĦALL-UŻU TAL-GĦALLIEMA

SKEMA GĦALL-MARKI

| Mistoqsija | A(i) | A(ii) | A(iii) | B | Ċ | D | E | F(1) | F(2) | Ġ | Tot. |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Marki | 8 | 7 | 15 | 5 | 8 | 8 | 13 | 8 | 8 | 20 | 100 |
| Marki ta' l-istudent/a | | | | | | | | | | | |

Kummenti

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

**A. Aqra sewwa s-silta u wieġeb il-mistoqsijiet**

# Fuq iz-Zuntier

Imxejt biċċa 'l quddiem. Żewġ subien b'mazz pitazzi u kotba f'idhom kienu qed jiddiskutu l-lezzjoni tal-privat. Kellhom xi problema dwar il-kompjuter. Imsieken, kellhom ma' xiex iħabbtu rashom ġmielhom. Meta jien kont tamparhom il-ħajja kienet mod ieħor. Tabilħaqq li kienet il-gwerra u kellna l-biża' u t-twerwir tal-bombi, imma fl-istess ħin niftakar li bejn attakk u ieħor konna tfal hienja, nilagħbu u kuntenti bil-loqma li kien ikollna għal dak il-jum. Konna nistudjaw tabilħaqq, imma mhux b'tant tensjoni u kompetizzjoni. *(par. 1)*

Waqfet karozza ġdida fjamanta; trid seba' għajnejn biex taraha u minnha ħarġet koppja żagħżugħa id f'id. Kellhom il-bixra ta' żewġ maħbubin. Iggustajthom... Romeo u Ġuljetta stil 2000! Hi bid-dublett qasir u dejjaq mid-drapp tal-ġins u hu b'xagħar twil u msielet f'widnejh. Imma xorta ħelwin. *(par. 2)*

Ftit 'l hemm waqaf xwejjaħ isuq ħmar b'karettun ċkejken li fuqu kellu tagħbija ċiċri friska u, waqt li omm bdiet tikkorda biex tixtri xi ħaġa liż-żewġt itfal li kellha magħha, naqra ta' sabi fuq ruħu ntefa' nkiss inkiss fuq wara u silet qatta ċiċri b'ħeffa ta' għafrid. Wara qasam it-triq u għab fl-isqaq ta' wara l-knisja, u Alla m'għamlu. *(par. 3)*

Il-qanpiena ta' l-arloġġ tal-knisja ħasditni. Ftakart li jien kelli x'nagħmel, li kien wasalli l-ħin li nħalli z-zuntier. U ntbaħt kif f'dawk il-ftit minuti jien kont doqt qatra mill-ħajja ta' madwari. Ġieli għaddejt minn dak ir-raħal qabel, imma dejjem insuq u ngħaġġel. Dak in-nhar kien differenti. Qisni sirt naf lir-raħal, introduċejna ruħna lil xulxin, infetħet tieqa ċkejkna tar-raħal u ttawwalt ġo kwadru sabiħ u ħaj. *(par. 4)*

Ix-xemx kienet nieżla u minn wara l-friegħi tas-siġar ilmaħt l-aħmar tax-xemx fietla li kienet waslet biex tgħib. F'dawk il-ftit minuti ħabbejt lil dak ir-raħal li laqagħni f'lok speċjali, forsi f'lok li hu ċ-ċentru ta' kull raħal... fuq iz-zuntier. *(par. 5)*

(Addattament minn *Fuq iz-Zuntier* ta' Lina Brockdorff )

**(i) Kontenut**

1. X'differenza tara l-kittieba tas-silta bejn it-tfulija ta' llum u ta' żmienha? *(par. 1)*

   ________________________________________

   ________________________________________

   ________________________________________ (3)

2. Ikteb l-espressjoni minn paragrafu 2 li turi li l-karozza kienet tant sabiħa li trid taraha sewwa biex tinduna kemm kienet ta' lussu.

   ________________________________________ (1)

3. X'ġara sakemm omm kienet qiegħda tiftiehem max-xwejjaħ biex hi tixtri xi ħaġa? *(par. 3)*

   ________________________________________

   ________________________________________

   ________________________________________ (2)

4. Ma' xiex qiegħda xxebbah ir-raħal, il-kittieba? *(par. 4)* ____________________________

____________________________________________________________________________ (1)

5. Għal liema lok speċjali qiegħda tirreferi l-kittieba f'paragrafu 5? ____________________

____________________________________________________________________________ (1)

**(ii) Analiżi Testwali**

1. Minn paragrafu 1, ikteb il-kelma li qiegħda turi kwantita`. ______________________ (1)
2. *iħabbtu rashom ġmielhom (par. 1)* hija:

   idjoma? ☐ qawl? ☐ (1)
3. Ikteb il-kelma li tfisser li fi żmien il-gwerra ma tantx kellhom ikel. (par. 1)

   __________________________ (1)
4. *widnejh* f'paragrafu 2 hija magħmula minn:

biċċa waħda ta' kelma? ☐

biċċtejn kelma? ☐

tliet biċċiet ta' kelma? ☐ (1)

5. Ikteb il-parti tas-sentenza li turi lit-tifel jistaħba biex ma jinqabadx jisraq iċ-ċiċri. (par. 3)

   ____________________________________________________________________________ (1)
6. *Il-qanpiena ta' l-arloġġ tal-knisja ħasditni.* (par. 4) Għal min qiegħed jirreferi l-pronom mehmuż **ni** fil-verb *ħasditni*? ____________________________ (1)

7. Minn dak li tgħid il-kittieba f'paragrafi 4 u 5, min huwa importanti għaliha?

   it-tfal? ☐ il-maħbubin? ☐ ir-raħal? ☐ (1)

**(iii) Grammatika**

a) Kompli s-sentenza b'kelma ffurmata minn dik fil-parentesi.

1. Il-(kompjuter) ______________________ huma bżonnjużi.
2. Il-moda tal-ħwejjeġ toffri suq (kompetizzjoni) ______________________ .
3. Żmien it-(tfal) ______________________ huwa żmien il-hena.
4. L-(għajn) ______________________ huma prezzjużi.
5. Iż-(żagħżugħ) ______________________ jiffrekwentaw id-diskoteki.
6. Il-kotba kellhom (tixtri) ______________________ minn missieri.
7. Aħna (isuq) ______________________ lejn il-Ħamrun ilbieraħ.
8. It-twerżiqa ma (ħasditni) ______________________.
9. Aħna u ġejjin (minn) ______________________Belt kellna nieqfu xi darbtejn.
10. It-twieqi għandhom (infetħet) ______________________ għall-arja.
11. L-ulied huma (ħabbejt) ______________________ ħafna mill-ġenituri. (11-il marka)

b) Oħroġ kliem minn :

*jiddiskutu, introduċejna, kompetizzjoni, tikkorda.*

Kellna disk ___________________interessanti.

L-introd______________________ tas-suġġett għoġbitni.

Daż-żmien trid _______kompeti ma' oħrajn għax-xogħol.

Aktar indumu ___ikkord____ milli niżfnu.

(4)

**B. Qwiel u Idjomi**

Daħħal il-qawl jew l-idjoma fil-vojt biex tagħti sens lill-istorja. (Agħżel il-qwiel u l-idjomi mil-lista mogħtija taħt.)

## Storja

Carlo Frendo kien bniedem _____________________ u għalhekk il-ħanut tax-xagħar li kellu dejjem kien ikun mimli bi klijenti ta' kull eta'. Kellu _____________________ u ħallih jivvinta l-istili tax-xagħar għal xi waħda _____________________ biex tagħmillu reklam tajjeb! _____________________________________________________________ u donnu li hekk hu,għax din tal-qtugħ tax-xagħar kienet tintiret fil-familja Frendo. Ħaġa waħda kellu kontrieh dan Carlo. Kien iħobb jislef xi flus, iżda _____________________________________________________________ _____________________________________________ u darba għarralu bil-kbir! (5)

*Lista ta' qwiel u idjomi minn fejn tagħżel.*

1. talli tħallas tieħu.
2. demmu jiġbdek.
3. bin is-sengħa għandu nofsha.
4. in-negozju trid tkun ħażin għalih.
5. s-self joħroġ jidħak u jidħol jibki.
6. demmu kiesaħ.
7. moħħu jagħtih.
8. wiċċ ta' gidmejmuna.
9. kulħadd igerger minn xogħlu.
10. wiċċ ta' pupa.

## Ċ. Malti Komunikattiv

Is-Sur Borġ sejjaħ lil Michael, ġurnalist mal-gazzetta *Leħen il-Gżejjer Maltin*, u qallu:"Mike, nhar il-Ħamis, 23 ta' Ġunju, għandu jasal Malta l-grupp mużikali ta' fama mondjali *Backstreet Boys*. Irridek tasal wasla sa l-Ajruport u tikteb rapport ta' madwar 80 kelma dwar il-wasla u l-laqgħa li se jingħata dan il-grupp mill-*fans* tiegħu."

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________ (8)

## D. Tiftix - Trawwim Kulturali - Sehem il-Malti fil-Kultura



Immaġina li inti **WIEĦED** minn dawk il-personaġġi Maltin li kellek tfittex dwaru din is-sena għall-proġett tal-Malti. Ikteb madwar 8 linji dwarek innifsek. (Eżempju: fejn twelidt, fejn għext, għalxiex tibqa' tissemma, eċċ.)

________________________________________________

________________________________________________

________________________________________________

________________________________________________

________________________________________________

________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

__________________________________________________________

__________________________________________________________

__________________________________________________________

________________________________________________________ (8)

**E. Poeżija - Nadriet 2**

1. Aqra sewwa s-siltiet mill-poeżiji u wieġeb billi timmarka b'ċirku t-tweġiba t-tajba.

- *Ballata ta' Rużar Briffa*
  Kull fil-għaxija x'ħin id-dalma
  tifrex tulha u l-ħajja tnin,
  minn ġol-knisja mwarrba, siekta,
  jidwi leħen. Ilu s-snin.
- *Ġejja X-Xita ta' Mary Meilak*
  Il-ħuttaf ħafif daqs vleġġa,
  Ħalla s-sema u ġie jbus l-art,
  Ġewwa l-qliel in-naħal trekken
  Ħalla l-ġonna, reħa l-ward.

Dawn il-poeżiji jixxiebhu għax miktubin:
- f'terzini?
- fi kwartini?
- f'ottavi? (1)

- *Id-Dwejra ta' Joe Friġġieri*
  Qabli kien hawn
  dal- ġebel tiela' minn ġol-baħar
- *Gelmus ta' Ġorġ Zammit*
  Fuq għoljitek Gelmus, irrid nitla'
  Fejn inħosshom joqorbu s-smewwiet

Dawn il-poeżiji jixxiebhu għax jitkellmu dwar:
- postijiet Għawdxin?
- postijiet Maltin?
- postijiet f'Kemmuna? (1)

2. Issa agħżel poeżija WAĦDA minn dawk f'nru. 1 u, f'madwar 5 linji, ikteb dwarha u għid ukoll għaliex għoġbitek il-poeżija li għażilt.

________________________________________________________

________________________________________________________

________________________________________________________

________________________________________________________

________________________________________________________

________________________________________________________

________________________________________________________ (5 )

3. Aktar Nadriet Poetiċi

Agħżel poeżija WAĦDA mil-lista. Ikteb isem il-poeta u f'madwar 5 linji, agħti l-ħsieb tal-poeżija.

| | | | |
|---|---|---|---|
| Fil-Menqa, | Lejl tat-Tfulija, | Settembru, | Il-Ħajt tas-Sejjieħ, |
| Sjesta Maltija, | Univers leħor, | Ġunju, | Marsaxlokk |

Isem il-poeżija ______________________________

Isem il-poeta ______________________________ (1)

Il-ħsieb tal-poeżija ______________________________________________________

________________________________________________________________________

________________________________________________________________________

________________________________________________________________________

________________________________________________________________________

________________________________________________________________________

________________________________________________________________________

________________________________________________________________________ (5)

**F. Proża**

1. **Ħolm Tal-Milied?** ta' Trevor Żahra

Wieġeb f'sentenza

X'ra Leli fil-mera ovali tat-twaletta?

________________________________________________________________________

X'kienet l-aktar ħaġa għal qalb Liża?

________________________________________________________________________

Għaliex il-Milied ma kienx żmien ta' ferħ u hena għan-nanna Franġiska u l-familja tagħha?

________________________________________________________________________

Għand min bagħtu San Franġisk lil Leli?

________________________________________________________________________

X'kienet tħobb issajjar ix-xiħa għal żmien il-Milied

________________________________________________________________________

Semmi żewġ strumenti li daqqew id-daqqaqa lejlet il-Milied.

________________________________________________________________________

X'kienet ix-xewqa ta' Leli li dwarha talab lill-Bambin ċkejken meta kien għand ix-xjuħ?

________________________________________________________________________

L-aħħar kapitlu tar-rumanz jismu *Folja Ġdida* . Għaliex kienet se tkun folja ġdida għall-familja ta' Leli?

________________________________________________________________________ (8)

2. **Nies Bla Sabar** ta' Temi Żammit. Wieġeb f'madwar 8 versi.

*Ċensa u ċ-Ċine,* *Aħlef u Għid is-Sewwa,* *Mhux Kull ma Jleqq Deheb*



Ma kinitx mawra tan-nannu Kelinu għand il-familja tat-tifla tiegħu! Kif rawh, in-neputijiet talbuh jirrakkonta storja u tawh tliet għażliet. Immaġina li inti n-nannu Kelinu li qiegħed tirrakkonta **waħda** mill-istejjer imsemmijin.

______________________________________________________________________________

______________________________________________________________________________

______________________________________________________________________________

______________________________________________________________________________

______________________________________________________________________________

______________________________________________________________________________

______________________________________________________________________________

______________________________________________________________________________

______________________________________________________________________________

____________________________________________________________________________ (8)

## Ġ. Komponiment

Ikteb madwar 250 kelma dwar **WIEĦED** minn dawn. (Ikteb fuq karta separata.)

1. Ħlomt ħolma sabiħa u inti kellek parti importanti fiha. Irrakkonta.
2. Aħbar mhux mistennija.
3. Kemm nixtieq niltaqa' ma' ...
4. L-attivitajiet li saru fl-iskola matul is-sena.
5. Annimal fid-dar tiegħek. ( eż. Kelb, Qattus, Għasfur, Fekruna, Pappagall) qala' l-inkwiet fil-familja. Irrakkonta. (20)